PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/2154(INI)

6.10.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-Rapport Annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament
(2007/2154(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Marco Cappato

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-Rapport Annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament (2007/2154(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 254 dwar l-obbligu li l-atti jkunu ppubblikati u l-Artikolu 255(2) dwar id-dritt ta' aċċess taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 207(3) dwar l-obbligu tal-Kunsill li fir-regoli ta' proċedura tiegħu jispeċifika l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom il-pubbliku għandu jkollu aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill,

– wara li kkunsidra t-Trattat tal-UE, u b'mod partikulari l-Artikolu 1 (il-prinċipju tat-trasparenza bħala wieħed mill-prinċipji ġenerali tal-Unjoni), l-Artikolu 6 (demokrazija), l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(1) (l-applikazzjoni tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti marbuta mal-politika komuni dwar l-affarijiet barranin u s-sigurtà u mal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materja kriminali),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea hekk kif emendat mit-Trattat ta' Liżbona u l-Artikoli 15 u 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 41 (id-dritt għal amministrazzjoni tajba) u l-Artikolu 42 (id-dritt għal aċċess għad-dokumenti),

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1],

– wara li kkunsidra l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (ECJ) u tal-Qorti tal-Prim' Istanza dwar l-aċċess għal dokumenti, u b'mod partikulari s-sentenzi riċenti tal-Qorti tal-Prim' Istanza f'*Bavarian Lager Co. Ltd v Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* (Każ Nru. T-194/04) u tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropew fil-każ *Ir-Renju tal-Iżvezja u Maurizio Turco v il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea* (kawżi mismugħin flimkien C-39/05 P u C-52/05 P, (is-"sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco"),

– wara li kkunsidra l-attivitajiet u d-dokumenti prodotti mill-Ombudsman Ewropew dwar il-kwistjoni ta' aċċess għad-dokumenti, kif ukoll mis-Superviżjur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva

[1] ĠU L 145.31.5.2001, p. 43

tal-Kunsill fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u difiża[1],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2008 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2008)0229),

– wara li kkunsidra l-Abozz ta' Konvenzjoni Ewropea tal-Kunsill dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Uffiċjali,

– wara li kkunsidra l-Mistoqsijiet Orali li saru mill-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-sentenza tal-ECJ fil-każ "Turco",

– wara li kkunsidra r-Rapporti Annwali għall-2006 tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew dwar l-aċċess għal dokumenti, kif ukoll l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru. 1049/2001,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 u l-Artikolu 97(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

A. billi d-demokraziji bbażati fuq l-istat tad-dritt huma marbuta bil-prinċipju li r-regoli li jaffetwaw liċ-ċittadini għandhom jiġu ppublikati, u dan jimplika d-dmir ta' trasparenza u ftuħ tal-istituzzjonijiet u b'mod partikulari tal-proċedura tagħhom ta' teħit ta' deċiżjonijiet, sabiex il-korpi leġiżlattivi demokratiċi jagħmlu l-laqgħat, id-diskussjonijiet u l-votazzjonijiet tagħhom fil-pubbliku, filwaqt li jkunu disponibbli wkoll l-abbozzi ta' liġijiet u t-testi relattivi,

B. billi sabiex ikunu żgurati r-responsabilità u l-leġittimità tas-sistema politika demokratika, iċ-ċittadini għandu jkoll id-dritt li jkunu jafu:

   – kif jaġixxu r-rappreżentanti tagħhom, wara li jiġu eletti jew maħtura f'entitajiet pubbliċi jew biex jirrappreżentaw l-Istat Membru fuq il-livell Ewropew jew internazzjonali (il-prinċipju tar-responsabilità),

   – kif jaħdem il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet (inklużi d-dokumenti, l-emendi, l-iskeda, il-partijiet involuti, il-voti mitfugħa, etċ),

   – kif qed jiġu allokati u minfuqa l-fondi pubbliċi u x'riżultati qed jinkisbu (il-prinċipju ta' rintraċċabilità),

C. billi l-komunità internazzjonali u l-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Istati Membri tagħha, bil-mod il-mod qed jirrikonoxxu l-veru "dritt għal aċċess għad-dokumenti" u "d-dritt għall-informazzjoni" msejjsa fuq il-prinċipji ta' demokrazija, pubbliċità, trasparenza u ftuħ,

D. billi d-data kwantitattiva li tinsab fir-Rapporti Annwali rigawrd l-applikazzjoni tar-

[1] ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.

Regolament (KE) Nru 1049/2001 mill-istituzzjonijiet jissuġġerixxu li l-aċċess għad-dokumenti ngħata f'għadd akbar ta' każijiet (kien hemm tnaqqis ġenerali fl-għadd u fir-rata ta' ċaħdiet), filwaqt li r-raġunijiet għaċ-ċaħda jvarjaw fost l-istituzzjonijeit (l-ewwel raġuni hija l-protezzjoni tal-proċess ta' deċiżjoni) u li f'dak li jirrigwarda dokumenti sensittivi, il-Kummissjoni u l-Parlament ma nkludewx dokumenti ta' dan it-tip fir-reġistri tagħhom, filwaqt li l-Kunsill daħħal fir-reġistru tiegħu 79 dokument sensittiv minn 409; billi mill-analiżi kwalitattiva jidher ċar li għadd ta' dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament ingħataw interpretazzjonijiet diverġenti f'dak li jirrigwarda l-metodu t-tajjeb ta' applikazzjoni tiegħu, li wassal liċ-ċittadin li jirrikorru għand l-Ombudsman u l-ECJ,

E. billi l-Kunsill ma jinkludix b'mod sistematiku fil-proċedura leġiżlattiva referenzi għad-dokumenti tiegħu, b'hekk isir diffiċli biex dokument jiġi assoċjat ma' proċedura, filwaqt li jew ibaxxi dokumenti għal "dokument ta' sessjoni" li mhumiex reġistrati, jew jittrattahom bħala dokumenti "diplomatiċi", b'hekk ineħħi d-dritt taċ-ċittadini għall-aċċess ta' dokumenti,

F. billi l-Internet sar il-mezz prinċipali li bih iċ-ċittadini jikkonsultaw id-dokumenti tal-UE, filwaqt li żdied l-għadd ta' dokumenti jitpoġġew on-line għad-dispożizzjoni mill-istituzzjonijiet, li issa ħoloq ħtieġa li titejjeb il-faċilità tal-użu għall-utent tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-websajts li fihom id-dokumenti, l-interkonnessjoni tagħhom u l-ħolqien ta' portal tal-UE wieħed għall-aċċess tad-dokumenti, tal-proċeduri u tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE,

G. billi l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jieħdu aktar passi lejn iż-żieda tat-trasparenza, tal-ftuħ u tad-demokrazija billi jersqu lejn "Att tal-UE dwar il-Libertà tal-Informazzjoni", peress li fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 inġibdet l-attenzjoni pubblika lejn għadd ta' nuqqasijiet, is-sentenzi reċenti għandhom jiġu analizzati u implimentati b'urġenza mill-istituzzjonijiet, filwaqt li l-Kummissjoni għamlet il-proposta tagħha għal reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,

1. Jenfasizza li s-sentenza prominenti tal-ECJ fil-kawża Turco kkonkludiet li *"r-Regolament (KE) Nru 1049/2001, bi prinċipju, jimponi obbligu ta' żvelar tal-opinjoni tas-servizzi legali tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess leġiżlattiv"*[1] u li f'dik is-sentenza, il-Qorti waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

   – id-dritt għall-aċċess pubbliku tad-dokumenti tal-istituzzjonijiet jitnissel mill-karattru demokratiku ta' dawk l-istituzzjonijiet, kif stipulat fil-Premessa 4 u fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,

   – l-eċċezzjonijiet f'dak ir-Regolament (bħall-ħarsien tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet) għandhom ikunu interpretati u bbilanċjati mal-interess pubbliku li jieħu preċedenza meta jkun hemm żvelar, peress li huwa marbut mad-demokrazija, mal-parteċipazzjoni aktar mill-qrib taċ-ċittadini fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, mal-leġittimità tal-amministrazzjoni, mal-effettività u r-responsabilità lejn iċ-ċittadini[2],

[1] Par. 68 tas-Sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco.
[2] Dokument li jista' jkun kopert minn eċċezzjoni (bħal "opinjoni pubblika") għandu jiġi eżaminat il-kontenut tiegħu sabiex issir evalwazzjoni dwar liema partijiet huma koperti mill-

– dawk il-konklużjonijiet huma aktar importanti meta l-istituzzjonijiet jaġixxu fil-kapaċità leġiżlattiva tagħhom[1],

– it-trasparenza fir-rigward ta' opinjonijiet differenti li jirrigwardaw att (u l-legalità tiegħu) *"tikkontribwixxi lejn l-għotja ta' aktar leġittimità lill-istituzzjonijiet fil-fehma taċ-ċittadini Ewropej u ttejjeb il-fiduċja tagħhom fihom billi tippermetti li jkun hemm dibattitu bil-miftuħ dwar id-diverġenzi bejn opinjonijiet differenti"*[2],

– l-istituzzjoni trid tagħti rapport dettaljat tar-raġunijiet għaċ-ċaħda[3];

– l-eċċezzjoni tista' tibqa' valida biss waqt il-perjodu li waqtu l-protezzjoni hija ġustifikata fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument[4];

2. Jenfasizza li s-sentenza tal-ECJ imsemmija hawn fuq tkompli ssaħħaħ fl-UE il-prinċipju li b'konsegwenza tiegħu l-istituzzjonijiet demokratiċi għandhom id-dmir li jiżguraw li l-attivitajiet, id-dokumenti u d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu pubbliċi, u dan huwa kundizzjoni minn qabel għal-leġalità, il-leġittimità u r-responsabilità tagħhom, fuq il-bażi tal-Aritkolu 6 tat-Trattat UE u tal-Artikoli 254 u 255 tat-Trattat KE u li bħala konsegwenza id-dokumenti għandhom ikunu ppublikati u aċċessibbli f'kull każ u li kull eċċezzjoni għal dan il-prinċipju trid tkun limitata u interpretata b'mod strett;

3. Jappella b'urġenza lill-istituzzjonijiet tal-UE biex japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-każistika reċenti u b'mod partikulari fid-dawl tal-kawża Turco bl-implikazzjonijiet kollha tagħha (il-pubblikazzjoni tal-opinjonijiet tas-servizz legali, l-interpretazzjoni stretta tal-eċċezzjonijiet, l-obbligu li jkun provdut rendikont dettaljat tar-raġunijiet għaċ-ċaħda, etc) u jistieden lill-Kunsill sabiex biex jiżgura wkoll li d-dokument u l-informazzjoni kollha jkunu pubbliċi, kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma tiegħu, peress li l-konklużjonijiet tal-ECJ rigward il-fatt li l-eċċezzjoni tal-protezzjoni tad-data rigward il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet titlef l-importanza fid-dawl tal-interess pubbliku fit-trasparenza japplikaw ukoll - minħabba li opinjonijiet differenti dwar att leġiżlattiv jippermettu li jkun hemm aktar leġittimità għall-istituzzjonijiet;

4. Jemmen li l-Parlament għandu jkun minn tal-ewwel fil-pubbliċità, fit-trasparenza u fil-

---

eċċezzjoni; ir-riskji marbuta mal-iżvelar għandhom ikunu jistgħu "jiġu raġonevolment imbassra u mhux purament ipotetiċi"; bilanċ bejn riskju bħal dan u "l-interess pubbliku f'dokument aċċessibbli fid-dawl tal-vantaġġi li jinkisbu minn aktar trasparenza, peress li ċ-ċittadini jipparteċipaw aktar mill-qrib fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jkun garantit li l-amministrazzjoni tgawdi minn aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u responsabbli lejn iċ-ċittadin f'sistema demokratika".

[1] Peress li *"l-possibilità taċ-ċittadini li jiskopru l-kunsiderazzjonijiet li hemm fil-bażi tal-azzjoni leġiżlattiva hija kundizzjoni minn qabel għall-eżerċizzjoni effettiv tad-drittijiet demokratiċi tagħhom",* Paragrafu 46 tas-sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco. u billi fir-Regolament 1049/2001, huwa enfasizzat interess pubbliku li jieħu preċedenza *"l-iżvelar ta' dokumenti... li jsir meta jiġu diskussi inizjattivi leġiżlattivi, tiżdied it-trasparenza u l-ftuħ tal-proċess leġiżlattiv u jissaħħaħ id-dritt demokratiku taċ-Ċittadini Ewropej",* Paragrafu 67 tas-sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco.

[2] Paragraph 59 tas-sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco.

[3] Paragraph 69 tas-sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco.

[4] Paragraph 70 tas-sentenza tal-ECJ fil-kawża Turco.

ftuħ fl-UE, u li qabel l-elezzjonijiet Parlamentari tal-2009 għandu jniedi pjan ta' azzjoni straordinarju biex jiżgura li jkun hemm disponibbli aktar informazzjoni aċċessibbli b'mod atkar faċli, b'mod partikulari fuq il-websajt tiegħu, dwar:

– l-attivitajiet tal-MEPs, il-parteċipazzjoni u l-attendenza fil-ħidma tal-parlament, f'termini assoluti, relattivi u f'persentaġġi, jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini wkoll permezz tal-kriterji ta' tiftix[1],

– l-attivitajiet tal-Parlament fil-plenarja u fil-kumitati: l-Osservatorji Leġiżlattiv għandu jittejjeb billi jiġu inklużi referenzi u links għad-dokumenti rilevanti[2]; il-ħidma tal-kumitati għandha tkun trasmessa fuq il-websajt tal-Parlament l-istess bħal ma jsir fil-każ tal-ħidma tal-plenarja, u rreġistrata wkoll biex tkun disponibbli u aċċessibbli miċ-ċittadini permezz tal-kriterji tat-tiftix,

– l-allowances u l-infiq tal-MEPs, skont il-pożizzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew f'dak li jirrigwarda l-fatt li l-aċċess għall-informazzjoni għandu japplika wkoll għal data bħal din[3],

u jistieden lill-Istati Membri, lill-parlament nazzjonali u kif ukoll lil korpi oħra eletti biex jagħmlu l-istess billi jistabbilixxu Reġistru tal-attivitajiet tal-parlament u tal-membri parlamentari;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew (Ilment 3208/2006/GG) dwar ir-reġistru tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-obbligu li "jiġu inklużi referenzi għad-dokumenti kollha, fis-sens tal-Artikolu 3(a), li jinsabu fil-pussess tagħha fir-reġistru kif maħsbu mill-Artikolu 11 tar-[Regolament (KE) Nru 1049/2001], sakemm dan ma sarx diġà";

6. Jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom joħolqu reġistru wieħed tal-UE / portal ta' informazzjoni u dokumenti li jippermetti liċ-ċittadini li jsegwu proċedura partikulari u jkollhom aċċess għad-dokumenti relatati magħha[4]; pjan bħal dan għandu jinkludi s-

---

[1] Bħalma huma: kemm il-jum kien preżenti MEP fil-PE u fejn iffirma u/jew ivvota, kif ukoll kif u meta issir il-votazzjoni permezz tas-sejħa tal-ismijiet, fil-plenarja u fil-kumitati; għal liema laqgħat ta' entitatjiet istituzzjonali huwa ipparteċipa, plenarja u/jew kumitati u/jew delegazzjoni, etc; id-data għandha tkun disponibbli wkoll permezz ta' kriterji ta' riċerka, bħall-isem tal-MEP/plenarja/kumitat/delegazzjoni/votazzjoni/preżenza/jum/xhar/sena/leġiżlatura/etċ, u għandhom ikunu inklużi links għal din il-websajt fil-websajts tal-MEPs u f'websajts oħra rilevanti; Il-websajts tal-MEPs għandhom jinkludu din l-informazzjoni kif uwkoll l-isem tal-assistenti, l-opinjonijiet li ngħataw, l-emendi mressqa fil-kumitat u fil-plenarja u atti oħra, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni, l-intervenzjonijiet awdjo-viżivi, etċ.

[2] Proċeduri u dokumenti fil-kumitat bħall-ewwel rapport u l-emendi, l-opinjonijiet minn kumitati oħra, l-opinjonijiet tas-servizzi legali, l-emendi mressqa fil-plenarja, il-votazzjoni permezz tas-sejħa tal-ismijiet, l-ittri interistituzzjonali, b'mod partikulari dawk marbuta mal-proċeduri leġiżlattivi, fuq il-livell tal-kumitati u tal-plenarja, etċ.

[3] Abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew fl-ilment 3643/2005/(GK)WP.

[4] Bħall-proposta oriġinali, il-minuti tal-laqgħat, ir-rapporti, l-emendi, l-votazzjoni, ir-riżultat tal-votazzjoni, id-dibattiti, it-test fis-seħħ, l-implimentazzjoni fl-Istati Membri, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, etc.

simplifikazzjoni u t-tlestija tar-reġistri u l-websajts u l-interkonnessjoni tagħhom bejn l-istituzzjonijiet, u l-integrazzjoni tagħhom f'portal wieħed tal-UE; jappella sabiex tinħoloq ġabra interistituzzjonali ta' kuljum dwar informazzjoni u dokumenti relatati mal-attivitajiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi u l-aġendi tal-UE, kif maħsub mill-proġett dwar it-Trasparenza fiż-żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja" (Trans-Jai) msejjes fuq ftehima interistituzzjonali fl-2004 u sfortunatament għadu mhux se jkun qed jopera qabel il-bidu tal-leġiżlatura Parlamentari li jmiss;

7. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżguraw li mill-anqas qabel il-bidu tal-leġiżlatura Parlamentari li jmiss:

   – id-dokumenti preparatorji kollha għandhom juru r-referenza tal-proċedura leġiżlattiva,

   – l-aġendi kollha u r-riżultat tal-proċedimenti tal-Kunsill u tal-korpi preparatorji għandhom jagħmlu referenza ċara għad-dokumenti ta' sfond u għandhom jiġu reġistrati fil-ħin u ppubblikati fir-Reġistru tal-Kunsill (inklużi l-ħemm imsejjħa "dokumenti tal-kamra"),

   – bil-ħsieb li l-prinċipju ta' trasparenza huwa marbut mill-qrib mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej biex juru liċ-ċittadini b'mod ċar, ġust u trasparenti l-organigramma tagħhom billi jindikaw il-kompetenza tal-unitajiet interni tagħhom, il-ħidma interna u l-iskadenzi indikattivi tal-fajls li huma fil-kompetenza tagħhom, liema servizzi għandhom jikkonsultaw iċ-ċittadini biex jiksbu appoġġ, informazzjoni jew kumpens amministrattiv;

8. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jiżguraw trasparenza aħjar f'dak li jirrigwarda l-proċeduri ta' komitoloġija, kif ukoll il-ftehimiet li jiġu negozjati fl-ewwel qari bejn l-istituzzjonijiet fil-proċedura ta' ko-deċiżjoni (dawk imsejjħa "trijalogi"), biex jiżguraw li l-ftehimiet interistituzzjonali jkunu konformi bis-sħiħ mad-dmir ta' pubbliċità, trasparenza u ftuħ tal-proċessi leġiżlattivi, li jinvolvu assemblea parlamentari li għandha d-dmir bil-liġi li l-laqgħat tagħha ikunu pubbliċi u li tippubblika d-dokumenti eżaminati;

9. Jemmen li l-prinċipju ta' koperazzjoni fidila bejn l-istituzzjonijiet timplika obbligu fuq l-istituzzjonijiet, b'mod partikulari meta jsir xogħol fuq fajls leġiżlattivi jew fuq trattati internazzjonali (pereżempju l-koperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern, il-protezzjoni tal-PNR u tad-data) jew isiru proċeduri ta' ħatra (pereżempju l-ħatra tad-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali), li jagħmlu skambju tad-dokumenti u l-informazzjoni kolha rilevanti, anki jekk dawn ikunu sensittivi jew kunfidenzjali, u li l-prattiki attwali għandhom jittejbu b'urġenza;

10. Ifaħħar il-ħidma tal-Ombudsman Ewropew biex jiżgura li jkun hemm aktar trasparenza min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE u huwa tal-istess fehma dwar l-opinjoniet espressi mas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u d-dritt għall-privatezza skont ir-Regolament (KE) Nru 42/2012 u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar id-dritt għal aċċess għad-dokumenti; jistieden lill-Ombudsman Ewropew biex iħejji rapport dwar l-aċċess għad-dokumenti għall-Parlament il-ġdid elett li

jindirizza l-kwistjonijiet imqajjma f'dan ir-rapport;

11. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaħdmu lejn "Att Ewropew dwar il-Libertà ta' Informazzjoni" ambizzjuż, imsejjes fuq il-proposta attwali ta' reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kunsill tal-Ewropa.